KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt

**29/18**

**Minuti tatd-disgħa u għoxrin (29) Laqgħa tas-sena 2012, li ssejħet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera, nhar it-Tnejn 23 ta' Lulju fis-5.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sinj. Mariella Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier (wasal fis-5.39 pm) |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti u Skuzat:** | Is-Sur Cleaven C. Bugeja | - | Kunsillier (bagħat ittre, xogħol) |

*Aġenda:*

1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti - Il-minuti tal-laqgħat : 19/18 u 20/18 b'urġenza (27/4/2012) u 21/18 (16/5/2012).
2 Punti li joħorgu mill-minuti.
3 Kommunikazzjoni mis-Sindku.
4 Mozzjoni *Day Centre.*
7 Aġġornament.

Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.34 ta' filgħaxija.

**1 Laqgħa b'urġenza 19/18 bid-data 27 ta' April 2012**

**1.1** Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li l-attendenza ta' dik il-laqgħa b'urġenza numru 19/18, il-Kunsillier is-Sur Edwin Formosa jiġi skużat għax kien bagħat ittre li kien ma jiflaħx. L-ASE għandha tirranġa l-attendenza u tinforma lill-*Accountant* għar-revizzjoni tal-onorarja tiegħu.

**2 Laqgħa b'urġenza 20/18 bid-data 27 ta' April 2012**

**2.1** L-attendenza tal-Kunsillier is-Sur Formosa għandha titranġa min assenti għal skużat u assenti u l-*Accountant* tiġi infurmata bit-tibdil tal-attendenza u sabiex tieħu ħsieb ir-revizzjoni tal-onorarja tiegħu.

**3 Laqgħa 21 bid-data 16 ta' Mejju 2012**

**3.1** ***Korrezzjoni tal-minuti***

**3.1.1** Punt 1.6.1 – linja 4 - Biex jinbidel l-isem tal-Kunsillier 'is-Sur Stephen Sultana' u minflok isir 'is-Sindku'.

**3.1.2** Punt 1.6.4 - linja 2 – biex titneħħa l-kelma '*budget*' u minflokha titpoġġa 'allokazzjoni'. Linja 5 – korrezzjoni tal-kelma 'jressaq ??' għall-'jressaqha'

**3.1.3** Punt 1.6.5 Biex jinbidel l-isem tal-Kunsillier 'is-Sur Stephen Sultana' u minflok isir 'is-Sindku' fil-bidu tal-ewwel sentenza.

**3.2** ***Punti mressqa mill-minuti***:

3.2.1 Punt 1.7.1 Is-Sur Sultana qal li x-xogħol tal-*Fixed Assets Register* huwa tal-*Accountant* u mhux tal-ASE. Is-Sindku wieġeb li l-*Accountant* kienet infurmat lill-ASE li għandha tieħu ħsieb il-*Fixed Assets Register*.

3.2.2 Punt 1.9.1 Il-Kunsillier is-Sur Sultana qal li l-laqgħat b'urġenza ma kienux qed isiru skont il-liġi. Is-Sindku wieġeb li meta kien hemm Bord tal-Governanza, huwa dejjem weġibhom u kieku kien qiegħed jagħmel xi ħaġa ħażina xi ħadd kien iwaqqfu żgur. Is-Sur Sultana semma r-*ruling* li kien ħa l-Bord tal-Governanza u s-Sindku qallu li huwa kien weġibhom u li rringrazzjawh tat-tweġiba.

3.2.3 Punt 1.13.1 Is-Sindku ta spjegazzjoni fuq il-*Performance Appraisal Bonus* tal-ASE il-ġdida li bdiet taħdem mal-Kunsill Lokali fid-19 ta' Dicembru. Id-Dipartiment kien irrisponda li l-Kunsill irid jiddeċiedi *x'performance appraisal bonus* iridu jagħtu lill-ASE. Hawnhekk il-Vici Sindku s-Sur Ronald Briffa qal li dan irid jingħata bil-ligi. Is-Sindku f'dan ir-rigward ippropona li l-ASE tingħata l-bonus u din ġiet issekondata mill-Viċi Sindku. Ippropona wkoll lill-persentaġġ tal-ASE ikun ta' 6%. Dan mar għall-vot:

Is-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsillieri s-Sinj Mariella Micallef, is-Sur Stephen Sultana u s-Sur Edwin Formosa favur.
Ħadd kontra.
Is-Sur Charles Camilleri astjena għax ma jaqbilx li jingħata Bonus.

Vot 5 favur u Astensjoni li l-ASE tingħata 6% *Performance Appraisal Bonus*.

3.2.4 Is-Sur Stephen Sultana telaq fil-17.57 ta' filgħaxija.

3.2.5 Punt 1.20.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li l-eks ASE is-Sur Joseph Ludvic Cassar ma kienx informa lill-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li kien jaf bl-għalliem indikat fl-inkjesta u, li kien tħallas. Is-Sur Anastasi sostna lis-Sur Cassar suppost kellu jinforma lill-Kunsillieri kollha waqt Laqgħa li jekk kien il-bżonn kienet tissejjaħ b'urġenza. Is-Sindku semma wkoll, kif ma setgħux jinstabu *street furniture* u xi fajls. Is-Sur Anastasi kien tkellem mal-Kunsillier Edwin Formosa dwar dan il-każ u meta tal-aħħar talab li tinżamm inkjesta l-fajls instabu wara xi *cupboard* u *street furniture* f'xi kamra fil-Ġonna ta' ma' Casa Leoni. Is-Sur Anastasi fakkar kif l-imsemmi Segretarju Eżekuttiv kien ingħata Full Bonus meta kien qed iżomm lill-Kunsillieri milli jkunu jafu dak kollu li suppost kellhom ikunu jafu.

3.2.6 Is-Sur Ronald Briffa staqsa lis-Sindku x'inhu l-aħjar li jagħmlu. Is-Sindku infurmah li kienu kitbu lill-Awditur. Il-Kumitat iddeċieda li skont l-awditur, jekk jaqblu ma jingħata xejn. Is-Sur Camilleri qal li l-eks Sindku s-Sinj Vella kienet ħadet il-kolpa kollha hi. Il-Kunsillier is-Sinj Micallef staqsiet lis-Sindku jekk kienx ħa tweġiba fuq id-domandi li kien staqsa lill-eks ASE. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv u stqarr li meta ġab l-artiklu dwar dan il-każ l-Avukat Peter Fenech kiteb għan-nom tiegħu.

3.2.7 Is-Sindku qal li l-eks ASE f'Settembru kien jaf li kien hemm l-imsemmi għalliem u li ma tkellem xejn. Peress li kienu kitbu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali iżjed min darba fuq dan il-każ u l-Kunsill baqa bla risposta, il-Kunsill iddeċieda li ma jagħtix bonus lis-Sur Joseph Cassar. Is-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsillieri s-Sinj Micallef u s-Sur Camilleri qablu ma dan u s-Sur Formosa ma qabilx avolja, waqt id-diskussjoni qabel ma kollox.

Vot favur – 4
Vot Kontra – 1

Il-vot għadda li l-eks ASE is-Sur Joseph Cassar ma jingħatax *Performance Appraisal Bonus.*

## 4 Kommunikazzjoni tas-Sindku:

### *4.1 L-Aljevi tal-Klabb tal-Banda*

4.1.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li l-gimgħa li għaddiet kien hemm *Reception* tal-Każin tal-Banda u li l-President kien qed jitkellem li l-aljevi ma kellhomx fejn jilgħalmu waqt li jċedu l-Każin ta' Triq Il-Fanali sakemm jibdew f'dak ta' Triq Il-Kbira San Ġużepp. Is-Sindku kien ippropona li meta ma jkunx hemm laqgħa tal-Kunsill huma jkunu jistgħu juzaw il-bini tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Is-Sindku ppropona li l-aljevi tal-Każin tal-Banda jistgħu juzaw il-bini tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Is-Sur Charles Camilleri ssekonda. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier is-Sinj Micallef qablu mal-proponiment. Il-Kunsillier is-Sur Formosa astjena.

Vot favur – 4
Astjena – 1

Il-Vot għadda li l-aljevi tal-Każin tal-Banda jistgħu jużaw il-bini tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera meta ma jkunx hemm laqgħat.

### 4.2 *Bollards*

4.2.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li f'nofs Mejju li għadda kien avvinċinah t-Tezorier u tas-Soċjeta' Filarmonika Santa Venera 1964, Eman Micallef li l-lokalitajiet l-oħra qiegħed ikollhom il-*bollards* fi żmien il-festa biex it-traffiku ma jidħolx. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kiteb għall-permess mit-TM u kellu jikteb ukoll lill-Pulizija. Is-Sindku ppropona li 3 bollards jitpoġġew ħdejn Triq San Ġuzepp qabel ma ddur għal Triq l-Msida u 3 oħra qabel ma tidħol Triq San Ġorġ. Is-Sindku ppropona u ġiet issekondata mill-Kunsillier is-Sur Camilleri. Is-Sindku żied jgħid li l-ħofor u l-bollards jitħallsu mill-Kunsill għax dan huwa servizz biex nipprevjenu xi inċident. Fil-fatt, anki l-Pulizija faħħru dina l-inizjattiva.

4.3 **Midalja tal-Metall u kulur il-Bronż**

4.3.1 Is-Sindku semma ili s-Sur Edward Sammut huwa bniedem rinomat f'Santa Venera u, li għandu kollezzjoni tal-midalji. Huwa qal li kien hemm midalja tal-metall u kulur il-bronż li saret f'xi 1995 u li ngħatat lill-Arcisqof Ġuiżeppi Mercieca u li kienet saret medalja oħra u meta marru biex jagħtuhielu, l-Arċisqof ma tahiex lura u b'hekk l-aħħar midalja ma ngħatatx lill-Arċisqof. Is-Sur Sammut talab lill-Kunsill sabiex tingħatalu din il-midalja.

4.3.1 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jagħti din il-midalja lis-Sur Edward Sammut bil-patt u kondizzjoni li ma jista' jagħtuha lil ħadd u min għandu tispiċċa lura l-Kunsill. Il-Viċi Sindku ssekondah. Il-Kunsillieri s-Sinj Micallef, is-Sur Camilleri u s-Sur Formosa qablu mal-proposta. Din il-medalja mhijiex elenkata fl-inventarju u s-Sindku sabha qalb affarijiet oħra. Is-Sindku nforma l-ASE sabiex tipprepara ittra fejn il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera qiegħed jagħti din il-medalja lis-Sur Edward Sammut fuq self u meta l-Kunsill Lokali jkun irid il-medalja lura, is-Sur Sammut jkollu jroddha lura.

4.4 ***CCTV cameras ġol-Ġonna ta' Santa Venera***

4.4.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk jaqblux li l-ġonna ta' Santa Venera jkollhom CCTV cameras. Hawnhekk il-Vici Sindku nforma lill-dawk preżenti li ser joħorgu l-*proposals* għall-fondi tal-Unjoni Ewropea u nipprovaw napplikaw għall-fondi tal-UE għall-*cameras* u, jekk ma jirnexxielniex, ma nagħmluhomx. Il-Kunsillieri preżenti kollha qablu mal-proposta tas-Sindku u ma dik tal-Viċi Sindku.

4.5 ***Ismijiet tat-Toroq***

4.5.1 ***Triq il-Ġdida fi Triq l-Msida*** - Is-Sindku qal li avvinċinawh xi residenti ta' Triq Ġdida fi Triq l-Msida u esprimew li t-Triq tingħata isem. Is-Sindku ppropona li din it-triq tissemma għall-Madonna tal-Karmnu. Il-Vici Sindku ssekonda. Il-Kunsillieri s-Sinj Micallef, s-Sur Camilleri u s-Sur Formosa kollha qablu mal-proposta.

4.5.2 ***Triq Braille*** – Is-Sindku ppropona li Triq Braille terġa' tissemma Triq Santa Venera kif kienet xi tletin sena ilu. Is-Sinj Micallef issekondat. Il-Viċi Sindku, is-Sur Briffa, u l-Kunsillieri s-Sur Camilleri u s-Sur Formosa qablu mal-proposta.

4.6 ***Rapporti/ilmenti fuq containers***

4.6.1 Is-Sindku nforma l-Kunsillieri preżenti li qed ikollu ħafna rapporti u ilmenti fuq *containers* li jkunu go Triq Pietru Dacoutros u li huma tal-Kumpanija *Methode Electronics Ltd*. Huwa qal li dawn ma jistgħux jħottu iżjed minn din it-Triq meta jistgħu jħottu minn banda oħra. Minbarra li qed issir ħsara lit-triq jista' jagħti l-każ li jekk jinzerta jkun hemm xi *holdup* fuq il-Vettura li ġġorr l-flus tal-BOV, jistgħu jmutu/jweġġgħu xi nies peress li l-*containers* jkunu qed jagħlqu t-Triq minn fejn tinstaq dina l-Vettura. Ma jistax ikun li dina l-vettura tinstaq kontra l-*one-way* għax in-nies jistgħu jmutu/jweġġgħu mod ieħor. L-ASE għandha tikteb lill-*Methode Electronics Ltd* fuq din il-kwistjoni.

4.7 ***Il-Kont tal-Perit Bezzina rigward il-PPP***

4.7.1 Is-Sindku irrefera għall-kont tal Perit rigward il-PPP. Huwa qal li kellha ssir xibka biex saru l-kaptelli u spjega fuq il-problemi li kien hemm minħabba l-*culverts*, eċċ. Il-Perit bagħat spjegazzjoni fuq dan il-kont u l-kont ġie ggustifikat. Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi ħadd kontra milli jitħallas il-kont. Ma kien hemm ħadd kontra. Is-Sindku nforma l-ASE biex tieħu ħsieb u tgħaddi l-kont għall-ħlas.

4.8 ***Resoluzzjoni lil-Bank BOV rigward il-Manage Users***

4.8.1 L-ASE infurmat lill-Kunsillieri preżenti li hemm bżonn tgħaddi resoluzzjoni sabiex jinbidlu l-*Manage Users* peress li l-Bank għadu bl-ismijiet tal-Eks ASE is-Sur Joseph Cassar u tal-Eks Sindku is-Sur Stephen Sultana. Dawn iridu jinbidlu għall-ASE is-Sinj Louise-Anne Gusman u s-Sindku s-Sur Horace J Anastasi. Il-Kunsillieri preżenti qablu mar-riżoluzzjoni.

4.9 ***Rikjesta ta' Reserved Parking***

4.9.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li l-Kunsill irċieva rikjesta mit-TM għar-*Reserved Parking* ta' Ms Teresa Mifsud of 228 Sunflower Triq il-Kanun Santa Venera. Ir-rapport tas-Sinj Mifsud intelgħet mill-ASE wara li għamlet vista lis-Sinjura biex tirraporta fuq is-sitwazzjoni tagħha. Il-Kunsill iddeċieda li l-applikazzjoni tintbgħat lit-TM.

***4.10 Rikjesta ta' rampa mis-Sinj Marie Mifsud***

4.10.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri dwar ir-rikjesta tas-Sinj Marie Mifsud sabiex tingħata permess biex il-Kunsill jagħmel rampa quddiem il-garaxx tagħha fi Triq il-Kbira San Guzepp. Saret diskussjoni fuq il-każ u s-Sindku ssuġġerixxa li jmorru fuq il-post u jekk tista' issir rampa jew bennina din issir mill-ħaddiema tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillieri is-Sinj Micallef u s-Sur Formosa qablu li r-rampa ssir tal-injam u mir-residenta stess. Il-Kunsillier is-Sur Camilleri qal li huma ma jistgħux jimxu kontra l-liġi. Is-Sur Formosa qal li jekk issir bennina u l-korduna tinqaleb, jista' jkun li l-madum jinqata' u l-Kunsill ma fadallux aktar madum u li dak il-madum kien jiswa' ħafna flus.

4.11 ***Kuntratti u Tenders li għalqu jew ser jagħlqu***

4.11.1 Is-Sindku spjega kif hemm kuntratti u *tenders* li għalqu bħal tal-*Accountant*, li hemm oħrajn li se jgħalqu u hemm oħrajn li rridu noħorġuhom. Huwa esprima li l-aħjar ir-riklami tat-*tenders* joħorgu flimkien u li fakkar l-ASE lit-*tenderers* iridu jingħataw xahar biex japplikaw. Uħud mit-*tenders* li ser jagħlqu huma tal-*Co-Op services, Opening & Closing of Romeo Romano and other Gardens, Maintenance of traffic signs and road markings.* Is-Sur Anastasi ppropona li l-Kuntratti 'l ġodda għandhom jibdew mill-bidu ta' Diċembru, 2012.

4.11.2 Is-Sur Anastasi kompla li minħabba li l-ħaddiem li kien qed jagħmilha ta' Ġardinar telaq se jkollna noħorġu tender għall-Ġonna u s-*Soft Areas* kollha.

4.11.3 Is-Sindku kompla jgħid li anki dak tal-Latrina rridu noħorġu.

4.11.4 Is-Sur Edwin Formosa telaq fis-6.50 ta' filgħaxija.

**4.12 *Schedule* tal-*Petty Cash***

4.12.1 Il-Kunsill approva ix-*Schedule* tal-*Petty Cash*.

***4.13 Telephones ġodda għall-Kunsill***

4.13.1 Il-Kunsill approva t-*telephones* ġodda għall-Kunsill Lokali wara li ġew ipprezentati t-3 kwotazzjonijiet.

***4.14 Photocopier tal-Avantech***

4.14.1 Il-Kunsill approva l-akkwist ta' *photocopier* ġdida wara li l-*photocopier* li kellu qabel kien qiegħed ikollha ħafna ħsara u kien qed ikun problema biex tibgħat dokumenti scanned. Il-Kunsill approva l-*photocopier* il-ġdida wara li ntwerew l-kwotazzjonijiet.

***4.15 Regeneration of Funds tal-Awtorita' tad-Djar***

4.15.1 Is-Sindku nforma l-Kunsillieri preżenti rigward l-iskema tar-*Regeneration of Funds* li rċieva l-Kunsill Lokali mingħand l-Awtorita' tad-Djar. Din l-applikazzjoni kienet saret f'Novembru 2011. L-ASE għandha żżomm kuntatt mal-Eks Perit Stephen Farrugia, mal-Perit attwali Tony Bezzina u as-Sur Sciberras tal-Awtorita' tad-Djar.

***4.16 One Ways f'Santa Venera***

4.16.1 Is-Sindku nforma l-Kunsillieri fuq *one ways* li gew approvati mit-TM wara talba mill-Kunsill Lokali. Huwa spjega wkoll, kif ippropona li jgħaddi t-traffiku minn Triq is-Soll/Triq Reġjonali/Triq iż-Żonqor/Triq Blata Il-Kaħla. Il-Kunsillieri preżenti qablu.

4.16.2 Huwa qal li għandna nitolbu lit-TM biex Triq Dun Xand Cortis u Triq Il-Ward ma jitħallewx jgħaddu heavy vehicles. Il-Kunsillieri preżenti qablu ma din il-proposta.

4.16.3 Is-Sindku ppropona li f'Triq Patri Gwann Azzopardi ma jidħlux *heavy vehicles except to render a service*. Il-Kunsillieri preżenti qablu ma din il-proposta.

***4.17 Ħaddiema tal-IPSL***

4.17.1 Is-Sur Anastasi informa lill-Kunsillieri li wieħed mill-ħaddiema tal-IPSL telaq u issa l-Kunsill fadallu ħaddiem wieħed biss tal-IPSL. Huwa qal li ser ikun hemm għajnuna minn ħaddiema tal-IPSL u tal-ETC u bil-patt li nixtrulom l-affarijiet u għodda li għandhom bżonn. Huwa sostna li l-aqwa li ma naqbżux is-somma tal-flus allokata lill-Kunsill. Mal-ħaddiema tal-IPSL il-Kunsill m'għandux jonfoq iżjed minn €1000. Is-Sindku semma wkoll li hemm bżonn li nsibu lil xi ħadd biex iħaffer il-ħofor għall-bollards li hemm bżonn biex jintużaw għall-festa titulari.

***4.18 Tabelli Misraħ Santa Venera***

4.18.1 Is-Sindku spjega li hemm bżonn ta' tabelli f'Misraħ Santa Venera għall-*parking for an hour and no return within 2 hours*—mhux għar-residenti. Is-Sur Camilleri ma qabilx ma din il-proposta. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill qiegħed jitlob għall izjed toroq għal dawn it-tabelli: Triq il-Kapillan Mifsud, Triq Zonqor u Triq il-Ferrovija eċċ. Il-Kunsilllier is-Sinj Micallef semmiet l-*istickers* li jagħtu l-Kunsilli Lokali għal qraba biex ikollhom permess biex jipparkjaw. Saret diskussjoni fuq il-parking għar-residenti u għal familjari tagħhom.

4.18.2 Is-Sindku ippropona li f'Misraħ Santa Venera jagħmlu tabelli *għal 1 hour parking except for residents and no return with 2 hours* kemm man-naħa tal-bankina u kemm fin-nofs. Is-Sur Briffa qal li din se taffetwa 50% tal-*parking spaces*. Is-Sindku staqsa min hu favor il-proposta: Is-Sindku, il-Viżi Sindku u l-Kunsillier is-Sinj Micallef kienu favur imma s-Sur Camilleri għal li din hija diskriminatorja mat-toroq l-oħrajn għax ipprefera li jinvolvu lill-Santa Venera kollha. Il-proposta għaddiet 3 favur, 1 kontra.

4.19 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li l-Kunsill kien irċieva ittra mingħand is-Sur Emanuel Farrugia bid-data 21 ta' Mejju 2012. Il-Kunsill iddeċieda li l-każ jiġi mgħoddi lill-Pulizija.

***5 Mozzjoni Day Centre***

5.1 Il-Mozzjoni li bagħat il-Kunsillier is-Sur Stephen Sultana waqgħet skont punt 9, ta' pagna 123 'meta mozzjoni għandha titqies li ġiet irtirata.' Tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap 363).

**6 Aġġornament**

6.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 21 t'Awwissu, 2012, fil-5.30 ta' filgħaxija.

6.2 Il-Laqgħa intemmet fis-7.35 ta' filgħaxija.

Is-Sur Horace J Anastasi
Is-Sindku

Is-Sinj Louise-Anne Gusman
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati Illum, 10 ta' Settembru 2012